Minuti tal-Laqgħa Nru. 1 tas-Sitt Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret ġewwa d-Daycentre tal-Kunsill nhar l-Erbgħa, 4 ta' April 2012 fil-5.45 p.m.

Preżenti:	il-Membri
Sindku	Is-Sur. John Schembri
Viċi Sindku	Is-Sur. Joseph Scicluna
Il-Kunsilliera	Is-Sur. Victor Caruana Is-Sur. Christian Falzon Is-Sur. Joseph Camilleri Is-Sinjura Luċia Massa Is-Sna. Christina Sammut
Segretarju Eżekuttiv	Is-Sur. Michael Portelli

AĠENDA

1. Ġurament u Aċċettazzjoni tal-ħatra tas-Sindku u Viċi Sindku
2. Delegi lill-Kunsilliera

1.0 ĠURAMENT U AĊĊETTAZZJONI TAL-HATRA TAS-SINDKU U VICI SINDKU

1.1 Is-Segretarju ta introduzzjoni żgħira tal-laqgħa fejn kellhom jingħataw il-ħatra is-Sindku u l-Viċi Sindku. Huwa spjega wkoll b' liema jedd tal-Liġi kienet qed isir din il-laqgħa. Artiklu 25 tal-Kap 363 '*Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 29, fil-kariga ta' Sindku ta' xi Kunsill Lokali għandu joqgħod dak il-Kunsillier elett li fl-aħħar elezzjoni lokalita' dik il-lokalità jkun kiseb l-ogħla għadd ta' voti mal-ewwel għadd minn fost il-kandidati tal-partit politiku li f'dawk l-elezzjonijiet ikun kiseb il-maġġoranza assoluta ta' Kunsillieri ta' dak il-Kunsill. Dak il-Kunsillier jieħu l-kariga ta' Sindku fl-ewwel laqgħa tal-Kunsill wara dik l-elezzjoni lokali'*.

1.1 Il-Viċi Sindku beda jmexxi l-laqgħa bħala l-aktar membru kbir fl-eta minn fost il-Kunsilliera eletti u qara kif ġew eletti l-Kunsilliera u f' liema ordni. Huwa qara ir-riżultat fejn is-Sur. John Schembri ġab il-maġġoranza tal-voti ta 852 voti fl-ewwel count (Anness mal-minuti kopja tar-riżultat tal-Elezzjoni). Huwa imbagħad għaddha l-kelma lill-Kummissarju tal-Ġuramenti, Dr. Kris Balzan biex jibda ċ-ċerimonja tal-ġurament.

1.2 Il-Viċi Sindku ippropona lis-Sur. John Schembri bħala Sindku għas sitt leġislatura tal-Kunsill. Huwa kien issekondat mill-Kunsilliera V. Caruana u C. Falzon.

1.3 Is-Sur. Schembri qara l-ġurament li jaqdi dmiru fedelment ta Sindku u ffirmah. Huwa imbagħad bies is-Salib taħt il-ġurament.

1.4 Is-Sindku ippropona lis-Sur. Joseph Scicluna bħala Viċi Sindku u kien issekondati mill-Kunsillier C. Falzon u J. Camilleri. Wara dan huwa qara l-ġurament ta' Viċi Sindku kif ukoll bies is-Salib taħt ġurament.

2.0 DELEGI LILL-KUNSILLIERA

2.1 Wara li ttieħed il-ġurament tal-ħatra tas-Sindku u Viċi Sindku, s-Sur John Schembri għamel l-ewwel diskors tiegħu għal din il-leġislatura. Fid-diskors tiegħu huwa qal lill-Kunsilliera li f' każ li jkun hemm xi ħaġa li ma tkunx tikkonċerna d-dekasteru tagħhom huma għandhom jikkonsultaw mal-Kunsillier li jieħu ħsieb dak id-dekasteru.

2.2 Is-Sindku qal ukoll li huwa bħala Sindku hija fid-diskrezzjoni tiegħu li jqassam id-dekasteri skont il-kompetenzi u jekk dawn kellhomx diġa sehem f' xi ħidma partikulari fi ħdan il-Kunsill.

2.3 Wara dan huwa qara id-delegi lill-Kunsilliera (skont l-Annex li hawn ma dawn il-Minuti). Kif lesta t-tqassim tad-delegi huwa awgura lill-Kunsilliera biex jkun hemm ħidma tajba flimkien u rringrazzja kemm lill-Kunsilliera kif ukoll il-poplu ta' Ħal Luqa u Ħal Farruġ għal fiduċja li huma wrew fih, fejn għal ħames darba eleġewh bħala Sindku. Huwa stieden ukoll lil dawk preżenti biex jibqgħu għal bibita.

Il-laqgħa giet fi tmiemha l-Erbgħa 4 t' April 2012, fis-7.00 p.m. Ma kienx hemm ġurnata proposta għal laqgħa tax-xahar ta wara.

Konfermati llum ________________________ 2012.

______________________	____________________
John Schembri	Michael Portelli
Sindku	Segretarju Eżekuttiv